MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tal-11 ta' April, 2011

Numru. 1286/2007

Il-Pulizija
(Sp Kevin J. Farrugia)
vs
Khaled Khalifa Al-Ashtar, iben Khalifa, imwieled il-Libja fit-22 ta' Ottubru, 1966, Karta ta' l-Identita numru 026045(A)

Il-Qorti,
Rat l-atti tal-kompilazzjoni kontra l-imputat talli fid-9 ta' Ottubru, 2007, fil-fond numru 20, Saphyr, Triq Victor Scerri, Naxxar u fi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer:
1. dolozament, bil-ħsieb li joqtol lil Marthese Vella jew li jqiegħed il-ħajja tagħha f'perikolu ċar, ta bidu għall-esekuzzjoni ta' delitt ta' omiċidju liema delitt ma ġiex esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volonta' ta' l-imputat;
2. ikkaġuna offiżi gravi fuq il-persuna ta' Marthese Vella;

3. bl-imġieba tiegħu kkaġuna lil martu, Marthese Vella, biża' li ser tintuża vjolenza kontriha, meta hu kien jaf jew kien messu kien jaf li dik l-imġieba tiegħu ser tikkaġunalha biża';
4. ġab ruħu b'tali mod li ta fastidju lil martu, Marthese Vella, b'mod li jkun jaf jew imissu jkun jaf li dan kien ta fastidju għal persuna ta' Marthese Vella;
5. volontarjament kiser il-bon ordni jew il-paċi pubblika b'għajjat.
Il-Qorti ġiet mitluba li titratta ma l-imputat talli sar reċidiv b'sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) tat-2 ta' Awwissu, 2002.
Il-Qorti ġiet mitluba li f'każ ta' sejbin ta' ħtija minbarra u/jew flimkien mal-piena applikabbli, tapplika fil-konfront tal-ħati l-Ordni ta' Protezzjoni skont l-artikolu 412Ċ tal-Kodiċi Kriminali u tagħmel Ordni ta' Protezzjoni taħt dawk il-kawteli li hhuma xierqa.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali tal-5 ta' Frar, 2010 fejn iddikjara li wara li ra l-atti tal-kompilazzjoni kontra l-imputat u billi jidhirlu li tista' tinsab ħtija jew ħtijiet taħt dak li hemm maħsub:
a. fl-artikoli 41(1)(a)(b), 214, 215, 217, 218(1)(a)(b)(2) u 222(1) tal-Kodiċi Kriminali;
b. fl-artikoli 214, 215, 218 u 222(1)(a) tal-Kodiċi Krimianli;
c. fl-artikoli 18, 251(1)(A), 251(1)(B) u 251(1)(Ċ) tal-Kodiċi Kriminali;
d. fl-artikoli 18, 338(dd) u 339(1)(b)(d)(e)(i) tal-Kodiċi Kriminali;
e. fl-artikoli 18 u 325(1) tal-Kodiċi Kriminali;
f. fl-artikoli 18, 338(bb), 338(ee) u 338(ff) tal-Kodiċi Kriminali;
g. fl-artikoli 49 u 50 tal-Kodiċi Kriminali;
h. fl-artikoli 382(A), 383, 384, 385, 386 u 412Ċ tal-Kodiċi Kriminali; u
i. fl-artikoli 17, 30, 31, 532A, 532B u 533 tal-Kodiċi Kriminali;
bagħat lura l-atti lil din il-Qorti sabiex tiddeċidi fuq l-akkuża ta' din il-ħtija jew ħtijiet barra kull ċirkostanza oħra.

Rat il-verbal tas-seduta tas-6 ta’ Lulju, 2010 fejn l-imputat ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Semgħet il-provi.

Rat il-verbal tas-seduta tal-11 ta’ April, 2011 fejn l-imputat ammetta l-akkużi miġjuba kontra tiegħu.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta’ l-imputat dwar il-piena.

Għaldaqstant, ma ssibx lill-imputat ħati tal-ewwel akkuża miġjuba kontra tiegħu u għalhekk tilliberah minn tali akkuża. Issibu ħati tal-akkużi l-oħra kollha. Rat l-artikoli 49, 50, 214, 215, 216(1)(d), 251A, 251B, 339(1)(d) u 382A tal-Kodiċi Kriminali u tikkundannah għal piena ta’ sentejn priġunerija. Rat l-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali u tordna li tali piena ma sseħħ ħlief jekk l-imputat jikkometti reat ieħor li għalih hemm il-piena tal-priġunerija fi żmien erba’ snin mil-lum. Rat l-artikolu 412Ċ tal-Kodiċi Kriminali u tordna l-ħruġ ta’ Ordni ta’ Protezzjoni favur Marthese Vella u il-familja tagħha għal perjodu ta’ tlett snin mil-lum. Rat l-artikoli 533 tal-Kodiċi Kriminali u tikkundanna lill-imputat li jħallas is-somma ta’ €290 spejjeż inkorsi fil-ħatra ta’ perit.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------